# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 20 ta' Ottubru, 2000 .

**Avviz numru : 34/2000G2(PC)**

**Bank of Valletta plc .**

**Vs**

**Diane Camilleri .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz illi permezz tieghu s-socjeta' attrici, talbet lill-konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex tigi kkundannata li thallas lis-socjeta' attrici l-bilanc dovut minnha ta' erba' mija u sitta u disghin lira Maltin u sitt centezmi (LM496.06) flimkien ma' l-imghax legali mill-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000) .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta lilha fit-tnejn (2) ta' Dicembru, tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997) .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenuta debitament imharrka ghas-subizzjoni .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenuta b'dana l-avviz, liema riferta ggib id-data tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju, 2000 .**

**Innutat illi l-istess konvenuta msejha tlett darbiet naqset li tattendi ghas-smiegh ta' din il-kawza, fid-data li ghaliha kienet appuntata, cioe' d-data tal-lum .**

**Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Anton Scicluna ghan-nom tas-socjeta' attrici jikkonferma li l-ammont illi l-konvenuta kienet hallset xi haga fil-mori ta' din il-kawza, pero' ghad baqa' bilanc ta' tlett mija tmintax il-lira u erbghin centezmu (LM318.40) li ghadhom dovuti .**

**Il-Qorti ghal hekk, u peress illi jidhrilha illi t-talba kif ridotta hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici, u tikkundanna lill-konvenuta Diane Camilleri thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett mija u tmintax il-lira u erbghin centezmu (LM318.40) minnha dovuta lill-istess socjeta' attrici .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-tnejn (2) ta' Dicembru, 1997, u bl-imghax legali fuq din is-somma mill-wiehed u tletin (31) ta' Marzu, tas-sena elfejn (2000) sad-data tal-pagament effettiv .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
Si3400Pc
315